MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 447/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**
v

**DOMENICO ZAHRA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **DOMENICO ZAHRA** ta' hamsa w erbghin sena bin Carmelo u Annunziata nee Ellul, imwieled Rahal Gdid nhar l-ewwel ta' April 1956 u residenti Flat 3, Block L, Qasam Hal Tmiem, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita numru 0258656M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 ghall-habta tad-disgha w ghoxrin ta' bil-lejl bi vjolenza jew theddid gieghel Ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jghamlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

Talli matul l-istess lejl, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess hin u cirkostanzi, attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skon dl-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

Talli fl-istes hin u cirkostanzi uza arma regolari jew ha fuqu minn qabel din l-arma bil-hsieb li jghin dak l-attakk jew resiztenza fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun fil-presenza tal-Pulizija u meta dan sar bi vjolenza pubblika;

Talli fl-istess hin u cirkostanzi garr arma u bil-ponta minghajr permess mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Talli fl-istess hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi minn awtorita kompetenti, zamm taht arrest, zamm jew issekwestra persuni kontra l-volunta taghhom u heddithom bil-mewt;

Talli fl-istess hin u cirkostanzi ghamel hsara voluntarja fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun liema hsara tammonta ghal inqas minn ghaxar liri;

Talli matul il-lejl ta' bejn s-sebgha w ghoxrin w it-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2001 kiser il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-elttax ta' Awissu 2002 esibiti fl-atti a fol 66 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tat-tnax ta' Settembru 2002 a fol 67 tal-atti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2003.

Ikkunsidrat:

Illi fid-disgha ta' Awissu 2001 **xehed l-Ispettur Joseph Agius** fejn spjiega li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 ghall-habta tad-disgha w ghoxrin ta' filghaxija kien ircieva telefonata minghand PS 918 Agius li persuna kienet dahlet fl-Ghassa b'sikkina kbira u beda jxejjirha u jhedded li ser imur joqtol lit-tifel tieghu jekk il-Pulizija ma tintervjenix. Gie rappurtat lilu wkoll li rat li din il-persuna kienet hierga mill-Ghassa, ta daqqa ta' ponn fuq l-antiporta u kisret l-hgiega tal-istess antiporta. Huwa ta struzzjonijiet sabiex il-Pulizija tmur fid-dar residenzjali ta' din l-istess persuna li rrizultalha li kienet l-imputat u sabuh fil-gallarija b'sikkina f'idu u jhedded lil Pulziija li jekk jersqu lejh, ha joqtol lil mara. Illi l-Pulizija tad-distrett ma setghetx izzommu wahedha u kellha tintervejni l-Pulizija tal-SAG.

Huwa tkellem mal-imputat li rrilaxxja stqarrija markata bhala dokument JA u sussegwentement lil martu Mary Zahra li kkonfermat li zewgha l-imputat ghamlilha s-sikkina ma ghonqha u ma ibnu li wkoll kkonferma li l-imputat beda jxejjer s-sikkina f'wiccu u f'wicc l-gharusa tieghu.

**PS 918 Agius xehed** li nhar s-sbegha w ghoxrin ta' Lulju 2001 ghall-habta tad-disgha w ghoxrin ta' filghaxija PC 841 Mallia u PC 766 Zerafa, irrappurtaw li l-imputat kien ghadu kemm dahal fl-Ghassa b'sikkina f'idejh u beda jirrabbja ghal ibnu. Huwa ghalhekk flimkien ma PC 841 Raymond Mallia mar fir-residenza tal-imputat u wara li habbat il-bieb, hareg l-imputat f'kundizzjoni ecitata hafna b'sikkina f'idejh jghajjat sabiex ma jersqux lejn daru u ma jindahlux. Wara ftit harget martu fl-istess gallarija biex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni pero dan nonostante hatafha minn qaddha u ghamel l-istess sikkina ma ghonqha u qalilhom li jekk jersqu lejh kien lest li jaqtalha rasha quddiemhom.

Huwa mbaghad nizel it-tarag lejhom bis-sikkina f'idejh. L-imputat deher fis-sakra u ghalhekk intalbet l-ghajnuna tal-Pulizija tal-SAG. Wara ftit gew tal-SAG flimkien mal-Ispettur Edward Mangion u PS 1007 u PC 841, dawn irnexxilhom jikkalmawh.

**PS 1007 Mulvaney spjiega** kif nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, waqt li huwa kien stazzjonat l-SAG gie nfurmat li l-Pulizija tad-distrett taz-Zejtun kellhom bzonn l-ghajnujna tal-SAG dwar persuna li kellu xi sikkina f'idejh u kien ghalhekk li mar fuq il-post ordnat lilu u cioe fir-residenza tal-imputat flimkien ma ufficjali ohra. Huwa ddeskriva kif sab lil imputat fil-gallarija tar-residenza tieghu. Wara diversi tentattivi huwa dahal fil-fond tieghu flimkien ma PC 841 Raymond Mallia u sa dak l-hin kien ghad kellu s-sikkina ma qaddu. Kien wara li l-imputat nehha l-arma minn fuqu li gie arrestat u mehud id-Depot.

**L-Ispettur Edward Mangion xehed** nhar l-hamsa ta' Ottubru 2001 li nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001 ircieva telefonata li l-Pulizija tad-distrett kellha bzonn l-ghajnuna tal-Pulizija tal-SAG. Huwa mar flimkien ma Ufficjali ohra tal-Pulizija fuq il-post indikat lilu u sab lil imputat li kien xurban u kien fi stat li ghadu qed jixrob b'sikkina f'idejh. L-imputat kien ecitat hafna u aggressiv.

Mistoqsi jekk l-imputat irresistiex l-arrest, l-Ispettur wiegeb fin-negattiva fis-sens li ma offriex rezistenza fis-sens ta' glied jew tilwim izda beda jghidilhom li maghhom ma jmurx u biex ma jmissuhx. Kien determinat li jibqa d-dar pero fizikament m'attakkahomx.

**PC 841 Raymond Mallia spjiega** kif meta kien l-Ghassa nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2001, ghall-habta tad-disgha w ghoxrin ta' bil-lejl, l-imputat dahal fl-Ghassa b'sikkina f'idejh u staqsa ghas-Surgent. Huwa baqa diehel hdejn il-bank bis-sikkina f'idejh fid-direzzjoni tieghu. Huwa u hiereg mill-Ghassa b'idu faqa' l-hgiega tal-antiporta. Huwa flimkien ma Ufficjal iehor marru fl-fond

residenzjali tieghu u sabu lil imputat bis-sikkina f'idejh u rawh jaghmilha ma ghonq martu.

**PS 766 Zerafa** li kien ma PC 841 Mangion l-Ghassa, **zied jghid** wkoll li l-imptuat qal li kien ser joqtol lil ibnu pero lil Pulizija ma heddux.

**Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija** skond l-ligi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2001 li tinsab esibita fl-atti a fol 18 markata bhala dokument JA u dan l-ghada tal-incident.

Minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li l-imputat ammettta li kisser hgiega tal-antiporta tal-Ghassa. Mistoqsi jekk heddidtx lil martu u lil ibni, l-imputat ghazel li jibqa sieket. Huwa cahad li ghamel is-sikkina ma ghonq martu ghalkemm stqarr li hija sikkina tal-hobz u permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija m'ghandhux bzonn.

**Meta l-imputat xehed viva voce l-Qorti**, nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Lulju 2003 **huwa stqarr** li kien qabad jixrob M'Xlokk ghaliex kien mugugh hafna u anke dahal l-Ghassa b'sikkina f'idejh u hedded li ser jaqta ras min kien qed jghid fuqu. Huwa qal li sabbat il-bieb tal-Ghassa huwa w hiereg u l-hgiega inkisret ghalkemm aktar tard fl-istess xhieda jghid li kisser il-hgiega billi laqatha b'idejh bir-rabbja li kellu. Huwa jammetti wkoll li ghamel is-sikkina ma ghonq martu waqt li kienu fil-gallarija u kien hemm il-Pulizija barra.

**Illi mill-provi prodotti il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-akkuzi kollha salv ghal dawk iz-zewg akkuzi naxxenti mill-artikolu 96 u 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mill-liema zewg akkuzi il-Qorti qed tillibera lil imputat filwaqt li tiddikjara li ssibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha.**

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe dawk mibghuta mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu tat-tlettax ta' Awissu 2002 u cioe l-artikolu 91, 95, 96, 97, 98, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 13(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 86 u 87, 325 u 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 8 et seq u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi almenu sebgha darbiet meta gie misjub hati ta' reati li jikkoncernaw reat kontra d-disposizzjoni tal-Ordinanza tat-Traffiku, ksur tal-paci pubblika u serq ta' konsum elettriku meta nghata kundanna ta' hlas ta' multi, amendi u unconditional discharge.

Il-Qorti thoss li r-reati li bihom gie akkuzat l-imputat huma reati serji hafna u ta' certu portata pero minn naha l-ohra qisiet wkoll ic-cirkostanzi specjali u cioe li l-vittma principali ghazlet li ma tixhidtx f'dawn il-proceduri li, stante li hija mart l-imputat, il-Qorti kienet laqghet t-talba taghha.

**Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti sabiex tikkreja bilanc bejn l-interess tas-socjeta u dawk tal-imputat, thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija sospiza.**

**Ghaldaqstant tiddecidi li tikkundanna lil imputat DOMENICO ZAHRA ghal piena karcerarja ta' sena, liema perjodu qed jigi sospiz bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum.**

**Il-Qorti, oltre dan, tordna l-konfiska tal-arma esibita fl-atti bhala dokument JA 2.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat ddikjara li fehem l-import taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------